# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3.19

It-Tlieta 26 ta' Marzu 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

***Ma kienx hemm***

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Frar 2019.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera s-Sinjura Maria Sultana

## 3.3A 1 Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta preċedenti ( Seduta 2.19)

(Punt 2.3.2 (1) Mis-seduta preċedenti )Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop innutat il-Kunsill fuq il-laqgħa li seħħet fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali mar-residenti tal-inħawi ta' Santu Rokku u l-madwar rigward suġġerimenti minn naħa tagħhom stess biex jiġu installati f'dik l-akkwata stess. Hija saħħqet illi allavolja l-invit mill-Kunsill kien mar għand bosta resident, 3 persuni biss kienu preżenti għal din il-laqgħa fejn il-Kunsill spjega x'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jitweħħlu 'traffic calmers' fl-akkwata imsemmijin waqt l-istess meeting.

Il-Kunsill qabel unanimament waqt din is-seduta illi allavolja ma kienx hawn maġġoranza ta' nies, xorta waħda l-Kunsill għandu jibgħat is-suġġerimenti tagħhom lill-awtorita' tat-transport biex finalment jinġieb permess formali hekk kif tgħid il-liġi biex jitweħħlu 'traffic calmers' fiż-żona. L-istess Kunsill innota illi dawn it-'traffic calmers' għandom ikunu minn tarf sa tarf tat-triq, b'bicca nieqsa fin-nofs biex ma jżommux ilma magħhom f'każ ta' temp tax-xita kif ukoll isir tal-konkos u mhux tar-'rubber' minħabba raġunijiet ta' 'wear and tear' jekk hu possibli.

Il-kummenti kollha imsemmijin hawn fuq ser ikunu qed jintbgħatu kollha lill-awtorita' kkonċernata biex b'hekk il-Kunsill ikollu gwida formali fuq din il-

kwistjoni abbażi ta' dak li riedu r-residenti preżenti waqt il-laqgħa li saret.

A2 (Punt 2.3.2 ( 10) Mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek uriet l-emails oriġinali flimkien mal-permessi annessi u ittra ta' approvazzjoni minn naħa ta' TM fejn ix-xogħol tal-bankina ġie mitlub oriġinarjament mill-individwu u dejjem kien maqbul illi l-ispejjeż kollha ser jiġu 'covered' minn naħa tiegħu.

Il-Kunsill ma qabilx li għandu jingħata 'refund' tal-ispejjeż minħabba l-fatt illi l-ftehim oriġinali qatt ma kellu inkluż li l-Kunsill ser joħroġ xi ammont finanzjarju għal din l-istess bankina.

A3 (Punt 2.3.2 ( 12) Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill illi l-kuntratt bejn shoreline u l-Kunsill ġie ffirmat quddiem l-avukat tal-Kunsill hekk kif kien maqbul mill-Kunsill kollu fis-seduta preċedenti anke 'through emails' bejniethom matul ix-xahar hekk fuq il-gwida tal-avukat stess bil-kundizzjonijiet kollha li għamel hu f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara. Is-Sinjura Sindku uriet ukoll 'early draft plans' li saru minn naħa ta' shoreline bl-ideat li għandhom biex isir il-family park imwiegħed kif ukoll qalet illi għalissa l-post għadu mhux ikkonfermat pero qiegħedin jaħdmu biex tiġi devoluta biċċa art ġewwa l-Kalkara stess lill-Kunsill biex umbgħad tiġi mislufa lill-shoreline b'mod temporanju sakemm jinbena u jitlesta' l-proġett biex wara terġa tieħu r-responsabbilta' kollha tagħha l-Kunsill stess. Dan il-proċess huwa wieħed twil pero l-Kunsill ser ikun qed jiġi infurmat b'kull pass li jkun qed isir fil-futur qarib qabel jiġu konkluzi deċiżjonijiet finali hekk kif inhu xieraq.

A4 ( Punt 2.3.2 (14) Is-Seg Eżek spjegat illi kienet kellmet xi kunsilli oħra fil-viċinanzi tal-Kalkara biex hija tara wkoll x'ser kienu se jagħmlu huma fuq il-kwistjoni tal-ħatra ta' DPO fi hdan il-Kunsilli Lokali, fejn ħafna minnhom għażlu li jaħtru xi ħadd li m'għandux jaqsam xejn mal-istess Kunsill biex żgur ikun qiegħed jagħmel xogħol kif suppost fuq din il-materja dan la darba l-ebda impjegat ma' aċċetta li jieħu dan it-titlu eżatt kif ġara fil-Kunsill Lokali Kalkara.

Is-Seg Eżek kompliet tgħid illi hi ġabet 2 kwotazzjonijiet mingħand persuni differenti fejn hemm wieħed minnhom ta' kwotazzjoni ferm irħas minn l-ieħor.

Il Kunsill qabel unanimament illi la darba ma nstabitx soluzzjoni li ma tinvolvix flus fiha tajjeb illi ikun is-Sur Mifsud bħala dpo tal-Kunsill bil-miżata li huwa ikkwota formalment fejn ġiet ukoll murija waqt din is-seduta hekk biex il-Kunsill ikun konformi mal-liġijiet li qed jiġu nfurzati din is-sena.

A5 (Punt 2.3.12 ) Il-Kunsill ikkonferma lis-Seg Eżek illi wara li l-laqgħa li saret mal-assoċċazzjoni Wirt il-Kalkara fuq il-kwistjoni ta' tibdil tal-ismijiet ta' toroq dan wara li ġie diskuss l-istess suġġett mill-Kunsill fis-seduta preċedenti u wara

li l-istess assoċċazzjoni talbet laqgħa mal-kunsill, illi dan il-Kunsill ma' jista' jieħu l-ebda deċiżjoni finali fuq ir-rapport preżentat mill-assoċazzjoni waqt il-laqgħa dan minħabba l-fatt illi tibdil ta' ismijiet ta' toroq huwa proċess ferm twil u burokratiku fejn il-kunsill tal-preżent ma jħossx li għandu jorbot Kunsill ġdid la darba gejjin l-elezzjonijiet f'Mejju 2019. Din il-kwistjoni ser tkun qed titħalla 'on hold' fil-preżent biex ikun hemm diskussjonijiet fil-futur qarib mal-Kunsill il-ġdid tal-istess Kunsill Lokali Kalkara. Dan l-arranġament unanimu bejn il-kunsilliera kien diġa' ġie innutat illi l-istess assoċċazjoni waqt il-laqgħa informali li kellhom bejniethom aktar kmieni dan ix-xahar.

A6 (Punt 2.4.B1 ) Il-Kunsill qabel unanimament illi l-kwistjoni tal-mina tal-Kalkara u l-informazzjoni kollha li inkisbet mill-istess Kunsill għandha tiġi ppublikata fuq il-fuljett li joħroġ l-istess Kunsill kif ukoll fuq il-midja soċjali biex ir-residenti jkunu jafu b'dak li l-kunsill kien kiseb u għamel biex tinġieb konferma darba għal dejjem fuq il-Mina tal-Kalkara.

Fuq nota oħra s-Seg Eżek qalet illi hi ma tħossiex fil-pożizzjoni li tikteb stqarrija f'isem l-istess Kunsill minħabba raġunijiet varji u ser tkun qed titlob l-avukat tal-Kunsill jikteb paragrafu hu biex jiġi ppublikat fejn irid l-istess Kunsill.

3.3 B - Korrespondenza

1 Il-Kunsill qabel unanimament illi għandhom isiru arranġamenti li hemm bżonn mal-awtoritajiet ikkonċernati biex jintefa' Ġnien is-Salvatur għal sija biex inkunu parti mill-inizjattiva Earth Hour 2018 favur l-ambjent.

2 Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi għal din is-sena wkoll l-awdituri ikkonfermaw id-'disclaimer of opinion' tagħhom abbażi illi ħabba raġunijiet ovvji l-'opening balances' ta' din is-sena ma kienux qiegħedin jaqblu ma' tas - sena ta' qabel, dan il-għaliex kif diġa' kien jaf il-Kunsill kien hemm problema minn naħa tal-accountant li ġie mkeċċi kif ukoll ittieħdu deċiżjonijiet wara fuq kwantifikazzjonijiet biex jitneħħew u tinbeda paġna ġdida ta' accounts tal-Kunsill minn accountant ġdid. Fuq nota oħra s-Seg Eżek qalet ukoll illi meta l-awdituri kienu preżenti fl-uffiċini jagħmlu l-awditjar ta' din is-sena kkonfermaw illi kienu raw ċar tibdil pożittiv fir-rapporti li l-Kunsill preżenti din is-sena, pero 'disclaimer of opinion' iddum naqra ma' tirpilja minnha.

Il-Kunsill approva s-set ta' 'financial statements' bit-tibdil li riedu l-awdituri stess biex b'hekk ikunu jistgħu jintbgħatu lil min hu kkonċernat bħal kull sena biex jingħalaq il-proċess ta' awditjar għal din is-sena.

Fuq nota oħra s-Sur Bruno talab illi jinġieb rapport mis-Seg Eżek ta' kemm dan il-Kunsill irnexxielu jaqta' mid-dejn tas-snin rikorrenti biex almenu huma ikollom ħjiel ta' kemm ma ntefqux flus f'affarijiet li setgħu jagħmlu kieku dan id-dejn ma kienx jeżisti.

3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop innutat lill-Kunsill dwar ammont sostanzjali ta' telefonati b'rapport rigward containers/dgħajjes u 'trailers' mitfuwajn in-naħa ta' Santu Rokku bl-addoċċ li saħansitra hemm minnhom bla pjanċi. Din il-kwistjoni ilha snin f'dawn l-inħawi tiġġenera u issa tajjeb li l-Kunsill jieħu deċiżjoni fuqha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn l-irregolaritajiet għandhom jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet ikkonċernati iktar u iktar fejn il-post li qed jintefgħu jaqa' taħt Transport Malta.

4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop talbet lill-Kunsill japprova 3 dgħajjes ipparkjati n-naħa tar-Regatta illi dawn ilhom hemm snin fil-verita' imma s-sidien tagħhom talbu 'no objection' formali bħal ma għandu kulħadd li juża dik l-akkwata biex itella' d-dgħajsa tiegħu.

Is-Sur Vince Bongailas ma jaqbel qatt li jinħargu dawn in-'no objections' dan il-għaliex din hija kwistjoni ta' illegalita' u saħaq illi l-Kunsill għandu jsib post alternattiv lil dawn in-nies biex iħallu d-dgħajsa tagħhom anka jekk dan il-post ikun jinvolvi miżata biex jinżamm.

Is-Sur pawlu Bongailas flimkien mas-Sur Bruno qablu illi jekk dawn it-tliet dgħajjes imsemmija jżommuwom quddiem il-proprjeta' tagħhom ma jsibu l-ebda oġġezzjoni pero hekk dawn ser jitpoġġew il-barra mill-proprjeta' tagħhom il-permess m'għandux jinħareġ.

Is-Sinjura Sultana qablet mas-Sur Vince Bongailas illi l-akkwata m'għandix tkun żgumbrata minn dawn id-dgħajjes fuq permess li joħroġ il-Kunsill stess.

Is-Sindku saħħqet illi hi taqbel li jinħareg il-permess dan il-għaliex il-permessi dejjem inħarġu sal-ġurnata tal-lum u dawn m'humiex ġodda just iridu l-affarijiet kif suppost.

Abbażi tal-punti ta' hawn fuq is-Seg Eżek ser tkun qed iġġib informazzjoni

rigward dawn id-dgħajjes u tkun qed toħroġ / jew ma toħroġx in-'no objection' skond dak l-informazzjoni miksuba.

5. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-permessi ta' għajnuna finanzjarja li għandhom x'jaqsmu mal-festa 2019 mitluba mill-każin San Ġużepp għandom jitħallew f'ġenb biex tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill il-ġdid dan il-għaliex għadu kmieni wisq biex jinbdew jinħarġu l-permessi u ma jistax il-Kunsill preżenti jorbot Kunsill successiv b'dawn il-permessi jikkonfermaw li l-Kunsill ser ikun qed jgħin b'mod finanzjarju .

Is-Sinjura Sultana ukoll issuġġeriet li jiżdiedu s-siġar fil-premises tal-iskola , kif ukoll is-Sur Vince Bongailas saħaq illi fl-area tal-housing bħalissa vojta n-naħa ta' Triq l-Isptar Navali wkoll ikun sabiħ li jiżdiedu s-siġar.

Dawn is-suġġerimenti ser ikunu qed jintbgħatu lil din l-NGO biex b'hekk jittieħdu fil-konsiderazzjoni tagħhom dawn is-siti għal żieda ta' siġar.

6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'talba mingħand is-sagristan li jieħu hsieb il-kappella tas-Salvatur għaliex il-'flood lights' tal-faċċata tal-istess kappella ma kinux qed jixgħelu. Hija żiedet tgħid illi l-kuntrattur tad-dawl kien diġa' ġie jiċċekjhom u ta l-istima ta' aktar minn 100 ewro biex jitranġaw.

Il-Kunsill qabel unanimament illi spejjeż bħal dan ma jistax jibqgħu jiġu mħallsa mill-kunsil minħabba raġunijiet ovvji u speċjalment minħabba raġunijiet finanzjarji li lanqas biss jaqgħu taħt il-liġijiet tal-Kunsill.

7 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill dwar ilment li ġie minn resident li joqgħod fi Triq San Mikiel fejn dan qed jitlob illi l-planters kollha li hemm mal-faċċati tan-nies għandhom jitneħħew minħabba l-fatt illi l-akkwata hija waħda ristretta u qed ikunu ta' żgombru meta jiġu biex jidħlu bil-karozzi tagħhom kif ukoll ġieli kien hemm planters minnom li nqelbu bir-riħ fuq l-istess karozzi.

Il-Kunsill talab lis-Seg Eżek tibgħat ittra formali lil din il-persuna li l-ilment / suġġeriment tiegħu qiegħed jiġi kkunsidrat minħabba differenzi fl-opinjonijiet tal-kunsilliera fil-preżent.

8 Is-Seg Eżek irringrazzjat formalment lill-Kunsill kollha tal-approvazzjoni miktuba fl-emails mill-membri kollha kif ukoll waqt din is-seduta rigward kif

talbet / tixtieq taħdem wara li jkollha t-tarbija.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Seg Eżek ser tkun qed terġa' lura għax-xogħol normali minn Ottubru 2019 ( qabel iż-żmien stipulat bil-liġi tal-'maternity' ) la darba ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet ta' saħħa, kif ukoll l-istess Kunsill approva li hija taħdem mill-uffiċju filgħodu u mid-dar għal kumdita' tagħha kif hija tixtieq dan peress illi hija ser tkun qed taghmel l-għalmu tagħha biex terġa' lura l-Kunsill malajr kemm jista' jkun kif ukoll l-istess Kunsill irringrazzja formalment tal-commitment tagħha lejn li-stess Kunsill. Din hija deċiżjoni unanimama bla żmien stipulat hekk kif inhu komdu għas-Seg Eżek bil-patt u l-kundizzjoni li x-xogħol tal-ġurnata isir kollu skond il-ħinijiet tal-uffiċċju bhal ma qieghed jigri dejjem fil-prezent. Din id-decizjoni ser tkun qed tigi diskussa mis-seg ezek mad-direttur tad-dipartiment biex bhekk jinbeda il-process li hemm bzonn biex dan isehh mis sena 2019.

9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop xtaqet konferma biex bħala Kunsill inkunu parti minn grupp ta' inizjattiva favur il-barranin li joqgħodu fil-lokal through l-AKL billi timtela' 'survey' online bħala reġistrazzjoni.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar il-punt imsemmi hawn fuq.

10 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar skema ta' tisbieħ fil-lokalitajiet wara li diġa' ġiet diskussa f'seduta preċedenti u kienet hi flimkien mas-Sinjura Maria Sultana li ltaqgħat man-nies li qed jieħdu ħsieb fuq siti differenti fejn jistgħu jiżdiedu siġar u xitel. Din l-istess awtorita' saħħqet illi tajjeb li jiżdiedu xi postijiet oħra biex la darba l-Kunsill jikseb il-fondi ikun jista' jonfoqom kollha għal benefiċċju tar-residenti. Il-Kunsill issuġġerixxa l-postijiet imsemmijijn hawn taħt biex jiġu inklużi fit-tisbiħ ta' xitel ġodda jew żieda ta' xitel fl-inħawi :

- Sqaqin
- Sibi il-parti d-dejqa
- Sptar Navali
- Tarag Santa Filumena

L-istess Kunsill iddeċieda li jinvolvi r-residenti rispettivi tal-inħawi imsemmijin fil-lista ta' hawn fuq biex bħala sens ta' komunita' ikunu huma li jieħdu ħsieb dawn ix-xitel hekk kif jiġri ġo lokalitajiet oħra fejn hu possibli.

11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ippreżentat ittra mingħand resident li joqgħod ġewwa Triq is-Sienja fejn dan l-istess individwu qed jisħaq li Triq is-Sienja ser tkun qed tiġi magħluqa. Il-Kunsill b'sorpriża kbira kkonferma illi ħadd ma kien jaf li ser isir xi tibdil f'din iż-żona la b'mod informali u lanqas

b'dak formali b'hekk qablu unanimament illi għandha tintbgħat ittra lura formali lil dan ir-resident b'konferma illi l-Kunsill m'għandu l-ebda tip ta' informazzjoni / intenzjoni li jagħlaq din iż-żona għal-ebda raġuni.

12 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop saħħqet illi għandha terġa' tintbgħat reminder lill-awtoritajiet ikkonċernati rigward it-trakkijiet ta' drenaġġ li qiegħedin jgħaddu minn naħa ta' Santu Rokku minn dejjem fejn qed issir ħafna ħsara lit-triq fiż-żona saħansitra kienet qed tinżel it-triq f'ċertu partijiet. Hija saħqet illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-Kunsill irraporta lil min hu ikkonċernat pero sal-preżent ħadd ma' ta widen.

13. Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-kunsill dwar ħarġa bħal kull sena li hija torganizza f'isem il-Kunsill fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm 2019. Din ser tkun qed tiġi organizzata għal Mejju 2019.

C Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħruġ li ser tkun qed torganizza f'isem il-Kunsill bħas-soltu għal ħabta ta' April 2019 u Mejju 2019 għal anzjani u għal irġiel

D Is-Sinjura Sindku tkellmet rigward is-sitwazzjoni terribli ġewwa Triq ir-Rnella fil-preżent fejn qed issir it-triq mill-bidu inkluż il-konnessjonijiet tagħha kollha minn naħa ta' 'infrastructure malta'. Hija qalet illi kull ilment li daħal l-Kunsill hija kienet mal-ewwel għaddiet kull ilment lill-perit li huwa responsabbli minn dan is-sid imqabbad minn 'infrastructure malta'. Hija żiedet tgħid illi saħansitra għajtet laqgħa formali ma' dan l-istess perit ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali Kalkara. Hija kompliet tgħid illi n-nies bir-raġun kienu urtati għaliex il-kuntrattur imqabbad mill-awtorita' ma kienx qed jimxi mal-proċeduri u r-regoli.

Il-kunsilliera urew dispjaċir kbir illi ma ġewx infurmati b'dan il-meeting li sejħet is-Sindku meta kien ser isir u komplew jgħidu illi mhux sew li qabdet u ħadet l-inizjattiva hi wara li r-residenti kienu kollha qed jilmentaw mal-kunsilliera. Is-Sinjura Sindku qalet illi ma kien fiha xejn ħażin li hi għajtet meeting mal-perit u wara kollox kienet qed tgħid li ġara issa waqt is-seduta formali.

Is-Sindku wkoll saħħqet illi wara kollox kienet hi li qalgħet it-tajjijr mingħand in-nies meta marret mal-perit on site fejn xi nies saħansitra ħargu ghaliha u għajruwha giddieba. L-istess Sindku ukoll uriet id-dispjaċir tagħha meta rat il-filmat fuq Net Television fejn hi ħasset li dan il-filmat ma kienx ġust fuq il-Kunsill u kien wieħed ta' offiża.

Is-Sinjura Maria Sultana wieġbet fuq il-punt ta' Net Television fejn hi saħħqet

illi hi kienet preżenti waqt dan il-filmat flimkien mar-residenti ta' din it-triq biex b'hekk hi turi solidarjeta' man-nies f'din is-sitwazzjoni tal-biki li ilhom fiha aktar minn tliet ġimgħat. Hija saħqet illi dan ix-xogħol imbeda mingħajr mal-Kunsill ġie infurmat b'timing u strateġija ħażina. Apparti minn hekk is-Sinjura Sultana saħħqet illi tajjeb li f'affarijiet bħal dawn ir-residenti għandom jiġu inklużi b'meetings informali qabel ma jinbeda x-xogħol. Is-Sinjura Sultana ikkonfermat illi r-residenti stess riedu li jiġu tan-Net TV on site biex jesprimu d-dispjaċir tagħhom rigward din il-kwistjoni.

Is-Sinjura Sultana wiegbet lis-Sindku illi li tgħaddi l-ilmenti mhux biżżejjed għax saffrattant ħadd ma' ta kasha inkluż il-perit li hija stess iltaqgħet miegħu mingħajr il-kumplament tal-Kunsill, fl-istess ħin is-Sinjura Sultana qalet lis-Sindku wkoll illi ma kienx sew illi hi bdiet twieġeb in-nies li din il-kwistjoni m'għandux x'jaqsam magħha l-Kunsill għax ix-xogħol qed isir min 'infrastructure malta' għax din ma kinitx tweġiba professjonali ta' Sindku.

Is-Sur Bruno saħaq illi mhux kulħadd kien infurmat b'dak li kien qed jiġri f'din it-triq u fil-fehma tiegħu kien ikun ferm adekwat illi jkun hemm 'spokes man' wieħed f'isem il-Kunsill Lokali u mhux kulħadd bravu jaħdem għar-rasu.

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop kompliet tisħaq illi hi nfurmat ukoll fuq il-fb li kienet nieżla mal-perit 'on site' biex min ried seta' joħroġ jew jiġi 'on site'. Saħansitra kienet hi li bagħtet il-Ministru ikkonċernat fuq din il-kwistjoni kollha li inqalgħet f'dawn il-ġranet li għaddew.

Is-Sur Vince Bongailas qal illi allavolja ħadd ma qallu xejn b'li kien qed jiġri xorta sar jaf through minn fejn huwa jaħdem u għalhekk ħa 3 ġimgħat 'leave' minn tiegħu biex kuljum jinżel jitkellem mar-residenti u jara kif ser ikun ta' għajnuna għalihom f'dan il-mument li qiegħedin fih. Huwa ħa din l-inizjattiva minn jgħeddu u kburi li għamel hekk għax b'hekk mill-ftit li seta' n-nies ingħataw l-għajnuna li kien ħaqqom.

Fuq nota oħra s-Sur Vince Bongailas indirizza lis-Sinjura Maria Sultana fejn qallha illi li kienet involuta fil-filmat tan-Net ma' ħadmitiex tajba dan wara li hi baqgħet tidher fl-istess filmat ma' persuna li tkellmet b'mod arroganti u saħansitra għajret il-Kunsill li qiegħed fil-qamar meta hi stess tagħmel parti minn dan l-istess Kunsill. Apparti minn hekk is-Sur Vince Bongailas qal ukoll lis- Sinjura Sultana li hi stess ratu tiela' u nieżel minn dik it-triq u setgħet faċilment tajjatlu biex hu wkoll bħala parti mill-Kunsill ikun jista' jagħti l-viżjoni tiegħu.

Is sinjura sultana ikkonfermat ili tan net gew wara li hi rat is sur vince Bongailas.

Is sur vince Bongailas kompla jghid illi dak li ghamel hu fit tlett gimat ghamlu f'isem il-Kunsill u xejn aktar.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi qatt ma' intimidat ruħha għax hi weħidha fil-partit tagħha u lanqas kienet ser tintimida ruħha issa waqt din il-kwistjoni kollha.

Is-Sur Vince Bongailas qal li din ma kinitx kwistjoni ta' politika imma kienet kwistjoni biex jiġu mghajnuna r-residenti xejn aktar.

Is-Sinjura Sindku qalet illi kulħadd prova jgħin lir-residenti ta' din it-triq u ħadd ma' kellu jieħu mertu ta' xejn fil-verita'.

Is-Sur Bruno qal illi kienu huma 3 li żbaljaw li ħadd ma' informa l-Kunsill kollhu b'dak li kien involut fih hu jew bil-ħsieb li kellu li jagħmel biex jgħin ir-residenti. Is-Sur Pawlu Bongailas qabel mal-kumment tas-Sur Vici Sindku u jħossu urtat / iddispjacut illi tħallew barra huma t-tnejn minn din il-kwistjoni.

Is-Sur Bruno żied jgħid illi din il-kwistjoni kollha kienet mimlija gambetti ta' qabel l-elezzjoni.

E Is-Sur Bruno ikkonferma li dan il-punt fuq l-agenda taħt ismu ġie diġa' diskuss aktar kmieni f'din is-seduta.

F. Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tinħareġ stqarrija mill-Kunsill fejn tispjega biċ-ċar il-kwistjoni tal-qtuh tas-siġra fi Triq il-Kapuċċini u li l-proprjeta' hija waħda privata b'hekk il-Kunsill ma' setax jindaħal f'din il-kwistjoni hijiex tajba jew ħażina. L-istqarrija għandha tinħareġ fuq fb fejn fil-verita' inqala l-kjass kollhu mingħand ir-residenti kif ukoll mingħand xi membri tal-Kunsill stess li wieġbu individwalment. Dan il-punt kompla jiġi diskuss f'punti aktar il-quddiem f'din l-istess seduta. Is-Seg Eżek uriet xi ritratti li urew ħadid mghawweg fl-akkwata fejn kienet din l-istess siġra fejn il-Kunsill qabel unanimament illi l-ħsarat kollha li saru matul iż-żbir ta' din l-istess siġra għandom jiġu rranġati għas-spejjeż ta' min għamel ix-xogħol ħabba raġunijet ovvji. Il-Kunsill għandu jiddisassocja ruħu minn din il-kwistjoni.

## 3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Vici Sindku - Is-Sinjur Christopher Bruno

1 Is-Sur Bruno saħaq illi hemm bżonn li tinkiteb stqarrija fuq il-facebook minn naħa tal-Kunsill Lokali biex il-Kunsill jiddisassocja ruħu mill-kwistjoni kbira li inqalgħet fuq qtuh ta' siġra fi proprjeta' privata, propjament proprjeta tal-kurja fil-lokal tal-Kalkara stess biex b'hekk ir-residenti jkunu jafu illi l-Kunsill ma' kellu l-ebda informazzjoni li ser jiġri li ġara.

2 Is-Sur Bruno ikkonferma li dan il-punt fuq l-agenda taħt ismu ġie diġa' diskuss aktar kmieni f'din is-seduta.

3 Is-Sur Bruno informa l-Kunsill b'incident li ġara aktar kmieni fix-xahar ta' Marzu li jinkludi tkissir ta' stage ġewwa Triq il-Missjoni Taljana. Huwa saħaq illi din mhux l-ewwel darba li inkissret il-ħġieġa ta' dan l-istess stage li sfortunatament ġieli kienu tal-linja stess li jolqtuh dan il-għaliex m'hemmx ilquħ ta' xejn. Huwa issuġġerixxa li jsiru xi tip ta' 'ballards' bħala sigurta' kemm għan-nies li jkunu qiegħedin jistennew tal-linja fuq il-post kif ukoll iservu ta' ilquħ għal inċidenti simili ta' dan imsemmi hawn fuq.

3.4.B Il-Kunsillier – Is-Sur Paul Bongailas

1 Is-Sur Paul Bongailas ikkonferma li dan il-punt fuq l-agenda taħt ismu ġie diġa' diskuss aktar kmieni f'din is-seduta

2 Is-Sur Bongailas reġa' staqsa waqt din is-seduta jekk kienx hemm xi rispons jew aħbarijiet rigward is-sitwazzjoni tal-berġa u d-devoluzzjoni mitluba mill-Kunsill. Kif ukoll fakkar lis-Seg Eżek tiskeda laqgħa ma kull min hu involut s'issa biex tiġi diskussa din il-kwistjoni għal darboħra ma' kulħadd forsi xi darba jiċċaqilqu l-affarijiet. Is-Seg Eżek skużat ruħha li kienet assolutament nesiet li s-Sur Paul Bongailas talab dan il-meeting fis-seduta ta' qabel.

3 Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill illi l-edizzjoni tal-fuljett li jinħareġ mill-Kunsill għal ħabta tal-Għid qiegħed fil-fażi finali tiegħu pero xtaq il-konferma tal-kunsilliera biex tinħareġ l-istqarrija fir-rigward il-kwistjoni tal-mina tal-Kalkara fuq dan l-istess fuljett. Il-Kunsill ikkonferma li l-informazzjoni miksuba f'dawn l-aħħar xhur tajjeb li tiġi miktuba biex ir-residenti jkunu jafu b'dak li ġara u kif inhi s-sitwazzjoni.

4 Is-Sur Bongailas staqsa lis-Seg Eżek rigward il-kwistjoni tal-5 percent meta jinħarġu t-tenders għar-rigward il-fatt biex ikun hemm 'project manager' għal kull ilment li wieħed jista' jkollu bħala punt ta' riferiment fuq it-tender in kwistjoni dan wara li hu kien attenda kors u ġiet imsemmija din il-materja. Is-Seg Eżek ikkonfermat illi l-5 percent dejjem kienet imniżżla imma hemm affarijiet iktar minn hekk biex wieħed ikun jista' jikkwistinja l-'project manager' issue fil-verita'. Hija saħħqet ukoll illi l-affarijiet amministrattivi tajjeb li jieħdu ħsiebhom il-parti amministrattiva tal-Kunsill filwaqt li tapprezza din il-mistoqsija għax juri l-interess tal-istess Sur Bongailas.

5 Is-Sur Paul Bongailas ura d-diżappunt tiegħu fir-rigward kif marru l-affarijiet waqt l-attivita' tal-Mafkar li saret nhar l-24 ta' Marzu 2019 ġewwa l-Pjazza tas-Sagra bħal kull sena. Huwa saħaq illi ma jistax ikun il-Kunsill jibqa' jaqa' għaċ-ċajt fl-affarijiet li għandu jkun hemm protocol fihom. Din id-darba ingħatat fjura mir- raġel tas-Sinjura Sindku lill-kandidat prospettiv għal-elezzjoni li ġejja fis-sena 2019. Dan sar bla ebda intenzjoni huwa baqa jgħid imma saħaq ukoll illi ħadf m'għandu jindaħal fl-attivitajiet tal-Kunsill għaliex kieku kien hemm il-kanditati prospettivi l-oħra x'kien ser jiġri? Fl-istess ħin is-Sindku wieġbet illi la darba ma' kien hemm ħadd mill-kanditati l-oħra u fjuri kien hemm biżżejjed għal kulħadd ma 'fiha xejn ħażin billi ingħatat din il-fjura żejda waqt l-istess ċerimonja.

Id-diskussjoni kienet waħda taħraq bejn is-Sinjura Sindku u bejn is-Sur Paul Bongailas f'dan il-mument waqt is-seduta. Is-Sindku baqgħet tgħid illi kien hemm fjura żejda biex jekk darba inkisritila xi waħda minn dawk tal-kunsilliera ikollha waħda żejda biex tirriplejsja filwaqt li s-Sur Bongailas baqa' jisħaq illi r-rage tas-Sindku ma jmessux tagħha l-fjura żejda lill-kandidat prospettiv irrelevanti min hu u min kien.

Is-Sur Paul Bongailas qal lis-Seg Eżek li waqt attivitajiet bħal dawn tajjeb li jkun hemm ħaddiem minn tal-Kunsill. L-istess Seg Eżek qalet illi hi ma tistax tobbliga lill-ħaddiema jidħlu overtime l-ħadd imbagħad għal nofsija attivita'. Is-Sur Bongailas talab is-Seg Eżek tara ma' kunsilli oħra fil-viċinanzi li jużaw ċerimonijiet waqt l-attivitajiet tagħhom biex ikun hemm dejjem persuna timxi mal-protocol biex żgur ma' jerġax jiġri każ bħal dan u ma jindaħlux terzi persuni li ma jkollomx x'jaqsmu maċ-ċerimonja perse.

6 Is-Sur Paul Bongailas ikkonferma li dan il-punt diġa' ġie imwieġeb aktar kmieni f'din is-seduta.

7 Is-Sur Paul Bongailas ikkonferma li dan il-punt diġa' ġie imwieġeb aktar

kmieni f'din is-seduta.

3.4C Il-Kunsilliera – Is-Sinjura Maria Sultana

1 Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg Eżek tibgħat email biex tfakkar lil min hu ikkonċernat u li qed jieħu ħsieb il-kostruzzjoni ta' Triq Rnella biex it-'traffic calmers' li kien hemm ġo din l-istess Triq jerġaw jitweħħlu kif kienu ħabba raġunijiet ta' sigurta'.

2. Is-Sinjura Sultana talbet ukoll li jintbgħat rapport formali lil min hu responsabbli ġewwa s-sit ta' kostruzzjoni ta' Triq Rnella rigward il-ħsara li qed isir ġewwa l-Pjazza Sagra Familja fuq il-pavimentar dan il-għaliex qed jitħallew inġenji kbar ipparkjati fiha għal konvenjenza tal-kuntrattur li qed jaħdem irresponsabbilment.

3. Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi bħal kull sena ser tkun qed tattendi l-'price day' tal-'middle school' kif ukoll ser tkun qed tippreżenta ktieb f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara waqt l-istess avveniment. Fuq nota oħra s-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi dalwaqt ser ikunu qed jirċievu invit formali mingħand il-'head' tal-iskola tal-Kalkara biex jattendu l-price day / celebration day tal-lokal bħal kull sena.

3.4 D Il-Kunsillier – Is-Sur Vince Bongailas

1 Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill b'xi lmenti mingħand residenti u anka sewwieqa li jgħaddu minn naħa ta' Santa Liberata fejn l-ewwel 'traffic calmer' installata minn naħa ta' Transport Malta int u tiela' mill-istage bl-isem ' żebbuġ' mhux imwaħħla minn tarf sa tarf u l-karozza qiegħedin kull darba jippruvaw jevitawa bi ftit apparti li l-għoli tagħha huwa wieħed eċċessiv biex jintbgħat rapport formali bħas-soltu fuq din il-kwistjoni.

2. Is-Sur Vince Bongailas ġab quddiem il-Kunsill xewqa ta' persuna li titma' l-qtates ta' barra b'mod volontarju, fejn din qed titlob djar żgħar apposta għal qtates biex iservu ta' kenn fl-inħawi ta' Pjazza Sagra Familja. Is-Sur Vince Bongailas kompla jgħid illi jekk il-Kunsill ma' jaqbilx li jħallas dawn il-kaxxi hu kien lest iħallasom minn butu.

Il-Kunsill ma qabilx li dawn il-kaxxi jitpoġġew ġewwa l-Pjazza Sagra Familja imma għandom jitpoġġew fit-taraġ taħt kostruzzjoni fil-preżent bl-isem Taraġ San Ġużepp fejn kienu oriġinarjament mingħajr ma' jkunu ta' żgombru għan-nies passiġġiera kienu jgħaddu minn hemm la darba jerġa' jinfetaħ l-istess taraġ

għal pubbliku.

Fuq nota oħra l-Kunsill ma jistax jonfoq infieqa bħal din imsemmija mis-Sur Vince Bongailas dan il-għaliex volontarji jitimghu il-qtates ta' barra hawn ħafna aktar fil-lokal u wieħed ikun irid jieħu fill- konsiderazzjoni kollox u kulhadd.

**3.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

3.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 3.19 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

**3.6 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm

**3.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

3.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 25 ta April 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Marzu 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |